TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1419

KAZ NRU. 1691

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Sammy Borg

u

Malta Fish Farming

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 16 ta' Gunju 2003

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 19 ta' Awissu 2002 b'referenza MSP/TI/75/2002 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Sammy Borg, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Anglu Farrugia u Malta Fish Farming, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mill-Avukat Beppe Fenech Adami.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz il-Kumpanija qalet li l-appellant tkecca ghaliex ma kienx qieghed iwettaq xogholu kif titlob is-sengha, kien traskurat, negligenti u kkaguna hsarat lill-ingenji tal-Kumpanija minhabba uzu hazin.

L-appellant ikkontenda li gie mkecci ngustament wara difett li zvilluppat dghajsa tal-Kumpanija li la ikkagunah hu u anqas kien risponsabbli ghaliha. Barra minn hekk gie mkecci minghajr anqas biss inata l-opportunita li jiddefendi ruhu. Qal ukoll li ma thallasx dak kollu li kien dovut lilu skond il-ligi.

Ghalkemm il-Kumpanija tikkontendi li kecciet l-appellant minhabba nuqqasijiet tieghu fix-xoghol, fil-Formola ta' Terminazzjoni ta l-ETC bhala raguni tnizzlet "redundant" u ntqal li dan sar bi qbil ma l-appellant biex ma jsofri ebda pregudizzju.

L-incident li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant kien li dan hareg b'dghajsa tal-Kumpanija mghobbija bil-gwies u waqt li kien qed jaghmel xoghol fuq il-gageg tal-fish farm, fl-imkien ma Jesmond Baldacchino, cempillu l-Managing Director, Salvu Ellul, biex jitlaq lejn il-Freeport bil-lanca. Billi d-dghajsa tieghu kienet ghadha mghobbija bil-gwies kellu juza dik li hareg biha Jesmond Baldacchino. Waqt li kien diehel lura kif ordnat, ra li wahda miz-zewg magni kienet qed tishon u ghalhekk tfiha, baqa diehel fuq magna wahda u xhin wasal irrapporta l-hsara.

L-impjegati tal-Kumpanija ghandhom ordni li qabel ma johorgu b'dghajsa fil-ghodu ghandhom jiccekjaw li ghandha ilma u zejt kif rikjest. Kemm l-appellant kif ukoll Jesmond Baldacchino qalu li kienu iccekjaw id-dghajjes li hargu bihom.

Mix-xhieda gie stabbilit li :

- ghalkemm Salvu Ellul qal li kien ta diversi "warnings" verbali lill-appellant dan jichad li qatt inata "warnings" la bil-kliem u anqas bil-miktub. Fil-fatt ma rrezultax li l-appellant qatt ircieva "warnings" bil-miktub ;
- id-dghajsa li sahnet wahda mill-magni taghha ma kienx hareg biha l-appellant u ma kienx risponsabbli hu bix tigi ccekkjata ghall-ilma u z-zejt qabel ma ntuzat ;
- il-Kumpanija ippretendiet li l-appellant kellu ta' l-anqas jipprova jara jekk kienx hemm xi rimedju ghad-difett li sofriet il-magna. Hu sostna li mhux mekkanik, billi kien wahdu ma setghax jitlaq id-dghajsa tmur mal-kurrent u ma kienx possibli li jiftah il-magna waqt li kienet tahraq ghax kien jinstamat jew jinharaq ;
- l-appellant kien qed juza dghajsa, li hareg biha haddiehor, biex jobdi ordni li tah superjur tieghu u meta zvilluppat difett f'wahda mill-magni ghamel dak li kien prudenti biex ma ssirilhiex hsara u rrapporta il-kaz kif dahal lura ;
- l-appellant gie mkecci sommarjament u ma natax opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu.

Dan it-Tribunal kemm il-darba ghamel enfasi li "warnings" ghal nuqqasijiet serji ghandhom jinataw bil-miktub, li r-raguni ghat-terminazzjoni ta' mpieg ghandha titnizzel korrettement fuq il-formoli rikjesti u li kull impjegat ghandu jinata opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu.

Ir-risponsabbilta li jsiru proceduri korretti huma principalment tal-Kumpanija izda mpjegat m'ghandux jitlob jew jaccetta li titnizzel raguni falza u jiffirma ghaliha meta din tista' tqarraq jew isservi biex jittiehdu beneficcji li ma jkunux misthoqqa.

Wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg ma saritx ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi. Jordna li l-kumpanija ghandha thallas l-ammont ta' Lm 1000 (elf lira Maltin) bhala kumpens lill-appellant u dan ikopri kull pretensjoni li ghandu kontra l-Kumpanija. Il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2003.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja